MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Numru 299/1999

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cremona)
vs
Joanne Cassar

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Joanne Cassar, detentrici tal-karta tal-identita Nru 510486M, li permezz tieghu hija giet akkuzata talli f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, fl-erba snin qabel id-data ta' l-1 ta' Novembru 1998 b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

a) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi write haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamlet qliegh ta’ aktar minn LM475 bi hsara ta’ “England Insurance Agency Limited” u dan bi ksur ta’ l-Artikoli (308) u (309) u (310) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) approprjat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ aktar minn LM475 fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha, jew minhabba depositu necessarju u dan ghad-dannu ta’ England Insurance Agency Limited, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur ta’ l-Artikoli (293), (204), u (310) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata twiegeb li ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti, inkluz lill-imputata fuq imsemmija minn jeddha u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-4 ta’ Jannar tal-1999 l-pulizija kienet irceviet ittra iffirmata mill-Avukat tas-socjeta’ England Insurance Limited fis-sens illi l-imputata fuq imsemmija, li kienet tahdem maghhom bhala claims clerk ghal xi seba’ snin u li ma kienitx ghadha tahdem mal-kumpannija, irrizulta illi kienet immisapproprjatilhom xi flus li kienet irceviet minghand diversi klijenti taghhom. L-Ufficjal Prosekutur tkellem ma diversi persuni u fit-22 ta’ Frar tal-istess sena baghat ghall-imputata u wara illi taha s-solita twissija hadilha stqarrija. Minn din l-istqarrija tal-imputata irrizulta li kienet tahdem mas-socjeta’ imsemmija bhala claims handler. Wara li volontarjament itterminat l-

impjieg taghha ma din is-socjeta' l-imputata qalet illi kienu baghtu ghaliha tal-England Insurance u kienu qalulha li kien hemm xi klijenti li kienu hallsu lilha u l-flus ma kienux jidhru fil-compjuter. Hija ftakret illi l-ewwel kien baghat ghaliha Salvinu Zammit, il-claims Manager. Mistoqsija jekk kienx veru illi xi klijenti kienu hallsuha b'kollox l-ammont ta' LM475 l-imputata wiegbet hekk qed ighidu b'referenza ghal ta' England Insurance. L-imputata qalet illi meta kien ikun hemm okkazzjonijiet illi taghmel transazzjonijiet manwali peress illi l-compjuter ikun bil-hsara hija ma kienitx taf il-procedura biex tiktibhom manwali fuq id-"day's transaction" u qalet illi hija dejjem harget ircevuti u kienet tghaddihom dawn l-ircevuti l-accounts department. Hija qalet illi wara illi telqet mix-xoghol ma tafx x'gara, taf biss illi kienu tawha rakkommandazzjoni tajba datata 26 ta' Gunju, 1998. Wara bdew jibghatu ghaliha u jghidulha b'dawn id-diskrepanzi. L-imputata kompliet tistqarr mal-pulizija li darba minnhom kienu baghatu ghaliha ta' l-England Insurance u urewha cheque fuq isimha fejn kien hemm imnizzel ammont ta' flus illi kien jirrapprezenta somma flus hi illi kellha tiehu minghand England Insurance ta' xi leave li ma kienitx ghadha hadet. Hija qalet illi kienu qalulha biex tiffirma dan ic-cheque, jigifieri tiggirah minn wara u billi hasbet illi dawn kienu ukoll lesti illi issarrfu c-cheque li iffirmat fuq wara, hija qabdet u iffirmatu, pero' huma ma hallsuhiex il-flus tac-cheque u qalulha li kienu ser jaghtuha karta li kellha wkoll tiffirma, liema karta skond huma kienet tirrapprezenta l-bilanc illi l-imputata kien ghad fadlilha thallashom. L-imputata kompliet tghid illi ma iffirmatx karti bhal dawn ghaliex hija ma kellha taghtihom xejn. Sussegwentement kien cemplilha fuq ix-xoghol il-gdid taghha is-Paul England u kien heddidha li kien ser jghid lill-pulizija u igibha fuq il-gazzetta. Pero' hija ma setghetx tammetti li ghamlet xi haga li skond hi ma kienitx ghamlitha. Dana peress illi hija dwar il-flus li kienet tigbor kienet taghti ircevuta fuq isimha u l-flus wara kienet tghaddihom lill-Accounts Department. Finalment fl-istqarrija taghha l-imputata qalet illi hija kienet baghtet ittra lill-England Insurance permezz ta' l-Avukat difensur taghha biex ma jimportunawhiex iktar fuq ix-xoghol il-gdid

taghha u hasbet illi allura ta’ l-England Insurance hadu ghalihom u kien ghalhekk illi irrappurtawha lill-pulizija.

Illi xehed is-Sur Paul England, ic-Chairman tas-socjeta’ u qal illi Salvu Zammit il-Claims Manager kien avvicinah ghall-habta ta’ Ottubru, Novembru 1998 u kien kellmu dwar xi files. Fil-fatt hariglu hariglu file, file, u iccekkjawhom flimkien u hu kien qabel mieghu u kien qallu “ghamilli pjacir u ibghat ghal Joanne Cassar”, jigifieri ghall-imputata u dana peress illi l-imputata kienet precedentement tahdem maghhom fil-“claims departement”. Huma kienu sabu diversi ircevuti iffirmati mill-imputata u kien ghalhekk illi s-suspett kien waqa’ fuqha. L-intenzjoni tas-Sur England kienet illi jitkellmu mal-imputata bil-kelma t-tajba sabiex hija tirritorna l-flus minghajr ma jidhlu l-pulizija. Skond ix-xhud il-flus kienu jammontaw ghal ftit iktar minn erba’ mitt lira u qal illi l-imputata kienet hallset xi haga minn dawn il-flus. Is-Sur England qal illi huwa kien anke dispost illi jippermetti lill-imputata thallas bin-nifs. Baghtu ghall-imputata, ma gietx peress li kienet ghadha kif ghamlet operazzjoni tal-appendicite. Regghu baghtu ghaliha, pero’ regghet ma gietx u ghalhekk iddecieda s-Sur England illi icempel lil omm l-imputata u qalilha biex titlob lill-bintha tigi tkellmu u jekk hemm bzonn iggib ukoll Avukat. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputata giet l-ufficju flimkien ma ommha, pero’ minghajr Avukat u prezenti ghal din il-laqgha kien hemm hu, kien hemm Salvu Zammit u kien hemm l-Avukat taghhom Dr Depasquale u spjegaw lill-imputata pass, pass, ircevuta b’ircevuta, l-ammonti dovuti minnha. Huwa xehed illi f’hin minnhom l-imputata qalet lill-Avukat taghhom, “I did not realise that it was so much” u dan b’referenza ghall-flus. Is-Sur England kien qalilha li setghet thallas bin-nifs u hija qalet illi riedet tahsibha. Iffissaw appuntament iehor, pero’ l-imputata cemplet u hassret dan l-appuntament. Sar appuntament iehor, pero’ cemplitlu l-imputata u qaltlu li ma kienitx ser tammetti u li ma rieditx thallas u s-Sur England qalilha li ma kellu l-ebda alternattiva hlief li idahhal lill-pulizija fil-kaz. F’dan l-istadju l-imputata qaltlu li ma setghetx thallsu ghaliex hija kellha l-kont bankarju li kien wkoll f’isem ommha u ma rieditx turi lil ommha b’dak illi kien gara. U ghalhekk is-

Sur England qalilha li setghet thallsu ftit, ftit, kif riedet hi u dana sabiex ommha ma tkunx taf. L-imputata ippromettiet illi tmur u fil-fatt marret tkellmu. Pero’ qabel ma marret kienet diga hallset xi haga mill-flus dovuti. Huwa cemplilha sabiex terga tigi thallas u qaltlu, “Ghamilli pjacir, toqghodx iddejjaqni u iccempilix izjed” u kien ghalhekk illi qalilha “ma hemmx x’taghmel ser ikolli indahhal lill-pulizija”, kif fil-fatt ghamel. Is-Sur England kompla jixhed illi l-imputata kienet ilha tahdem mas-socjeta’ tieghu ghal madwar tmien snin. Dwar il-klijenti li kienu hallsu lill-imputata, skond is-Sur England il-flus li hallsu dawn il-klijenti qatt ma dahlu ghand il-kumpannija, is-Sur England xehed illi dawn kienu hallsu fi flus in kontanti u mhux b’cheque. Huwa kompla jixhed illi fl-ahhar tal-gurnata meta jaghlqu l-imputata kellha l-obbligu li tmur ghand il-kaxxiera illi jkollha fuqha il-computer u tara x’ghandha taghtiha u tghidilha per ezempju “ghandek taghtini mitt lira”, jew mitejn lira, skond kemm tkun dahlet f’dik il-gurnata partikolari. Ix-xhud kompla jghid illi Sean Mifsud u Salvu Zammit kienu skoprew illi kien hemm okkazzjonijiet illi l-imputata dahlet il-flus u ma ghaddithomx lill-kaxxiera.

Illi xehed ukoll Salvu Zammit, il-‘Claims Manager’ mas-socjeta’ England Insurance, illi huwa inkarigat mill-‘claims department’ ta’ din il-kumpannija. Huwa xehed illi wara illi l-imputata telqet minn mal-kumpannija huwa skopra certu affarijiet dwarha. Huwa spjega illi jkollhom kazijiet fejn klijenti jaghmlu ‘claim’ mal-‘insurance’ u ovvjament meta jaghmlu din il-‘claim’ iridu jhallsu somma li tissejjah l-‘excess’ u din is-somma tingabar minn min jiehu l-‘claim’ u l-imputata kienet wahda mill-persuni inkarigati sabiex tiehu dawn il-‘claims’. Ovvjament l-imputata kienet tigbor il-flus, taghti l-ircevuta lill-assigurat tal-flus illi jkun hallas u l-original tal-ircevuta tinghata lill-klijent. Suppost illi dawn il-flus umbaghad jidhlu fil-computer taht in-numru tal-polza in kwistjoni u fl-ahhar tal-gurnata l-istaff jaghti dawn il-flus lill-kaxxiera tal-ufficju. Min jigbor il-flus irid idahhal din is-somma fir-records fil-computer. Lix-xhud kien irrizultalu li kien hemm xi flus illi kienu dahlu u li ma kienux gew imdahhla fir-records tal-computer u kien irrizultalu f’dawn il-kazijiet kollha illi l-flus kienet dahhlithom l-imputata. Ix-

xhud kompla jghid illi certu Sean Mifsud kien jaghmel l-istess xoghol tal-imputata. Pero’ meta hu, jigifieri x-xhud, ivverifika, irrizultalu illi Sean Mifsud kien ghadda l-flus kollha li kien gabar lill-kaxxiera, mentri kien hemm diversi klijenti illi kienu hallsu lill-imputata, u dawn il-flus ma dahlux fir-records u lanqas fl-accounts tal-kumpannija, u meta s-socjeta' baghtet ghal dawn in-nies, dawn in-nies urew l-ircevuta li kienet turi illi huma fil-fatt kienu hallsu l-flus lill-imputata. Ix-xhud qal illi kien iddecieda li jkellem lis-Sur William England u kienu ippruvaw icemplu lill-imputata. L-imputata ma gietx ghall-appuntament u ghalhekk kellhom ikellmu lis-Sur Paul England, illi kien ukoll ghamel tettattivi sabiex l-imputata tigi tkellimhom. Fil-fatt l-imputata kienet giet darba mal-mama taghha u sa dan il-hin ix-xhud kien inkwetat ghaliex l-ammont kien tela’ gmielu u dana peress illi kien kompla jaghmel il-verifiki tieghu u kien sab aktar flus li skond hu kienu dovuti mill-imputata.

Illi xehed Sean Mifsud, li kif diga intqal kien jaghmel l-istess xoghol illi kienet taghmel l-imputata. Huwa xehed illi meta jigi klijent huwa jiktiblu ircevuta tal-flus li jkun hallas bhala ‘excess’ u dawk il-flus huwa idahhalhom fil-computer fil-file rispettiv tal-klijent. Fl-ahhar tal-gurnata johrog ir-rapport mill-accounts u huwa jghaddi l-flus lill-‘Accounts Department’. Ix-xhud xehed illi sar jaf illi kien hemm klijenti illi hallsu lill-imputata, pero’ l-flus qatt ma dahhlu fl-accounts tal-kumpannija, mentri fil-fatt l-imputata kienet harget l-ircevuta ta’ dawn il-flus li kienu hallsuha il-klijenti. Huwa xehed illi minkejja l-fatt illi l-computer gieli kien ikun bil-hsara sal-ahhar tal-gurnata dejjem kien jigi irrangat u huwa personalment dejjem ghamel l-entries kollha fl-ahhar tal-gurnata.

Illi xehed Dr Lennart Depasquale, illi huwa l-Avukat tas-socjeta’ England Insurance, u qal illi s-Sur Zammit u s-Sur England kienu infurmawh bil-problema dwar l-imputata u darba minnhom kien issejjah meeting illi ghalih kien prezenti hu u kien hemm prezenti wkoll is-Sur England, l-imputata u s-Sur Zammit. F’dan il-meeting kemm is-Sur Zammit, kif ukoll is-Sur England kienu spjegaw lill-imputata illi certu ammonti ta’ flus illi kienet gabret hi

minghand hi minghand il-klijenti tal-kumpannija ma kienux qeghdin jidhru fil-‘computer’ u lanqas fil-‘claim files’. Wara illi urew dawn l-affarijiet lill-imputata l-imputata ftakret fir-rigward ta’ zewg ‘claims’ partikolari illi l-klijenti kienu gew ihallsu, u illi kienet certa dwar dan. Omm l-imputata li kienet ukoll prezenti ghal din il-laqgha bdiet tghid, “Isma t-tifla zgur ma haditilkomx flus” u l-imputata bdiet tghidilha, “Ma, let me handle this”. Haga li laqtet lil Dr Depasquale f’dan il-meeting kien illi l-imputata kienet qalet dawn il-kliem, “I am surprised to see that amount” (fol. 35 tal-process). Is-Sur Paul England fakkar lill-imputata illi kien jaghtiha l-opportunita li thallas bin-nifs, basta pero’ illi thallas. Dan il-meeting gie konkluz u ftehmu illi kellhom jergghu jiltaqghu. Fit-tieni meeting kienet giet l-imputata wahedha minghajr ommha. Is-Sur Paul England rega’ offrielha li setghet thallas bin-nifs u l-imputata qalet illi xtaqet issolvi din il-problema u xtaqet tahsibha ftit. Issemma wkoll xi bilanc illi kien dovut mill-imputata ghall-perjodu meta kienet ghadha tahdem ma England Insurance u Dr Depasquale kien issuggerixxa li dak l-ammont jinqata akkont tal-ammont kollu dovut mill-imputata u l-bilanc thallsu ftit, ftit. Fil-prezenza ta’ Dr Depasquale l-imputata qalet li xtaqet tahsibha.

Illi rega’ xehed is-Sur Salvinu Zammit u xehed illi meta persuna assikurata jkollha ‘claim’ l-iskrivan li jiehu l-‘claim’ ghandu jiehu d-dettalji tal-klijent, jigifieri tintela l-‘claim form’ u bhala procedura jintalab l-‘excess’ skond il-polza u l-klijent ihallas il-flus lill-iskrivana. Meta l-flus jithallsu, l-procedura hi li jigi immarkat il-‘file’ bid-data meta thallas dan l-ammont u dana peress li jista jkun hemm iktar minn ‘claim’ wahda u allura jista jkun hemm iktar minn data wahda meta jidhlu xi flus, pero’ dana b’referenza ghall-‘claims’ li jistghu isiru minn persuni differenti u mhux mill-istess persuna. L-iskrivan ghandu jdahhal dawn l-ammonti fil-computer u fl-ahhar tal-gurnata jaghti l-flus lill-kaxxier. Il-kaxxier ikollu wkoll il-‘print out’ tal-‘computer’ ta’ kull skrivan, xi flus ikun dahhal f’dik il-gurnata, dejjem ovvjament pero’ jekk l-iskrivan ikun dahhal l-ammont li jkun irceva fil-computer. Is-Sur Zammit esebixxa prospett illi juri l-ammonti kollha dovuti minghand l-imputata ghad-

diversi ‘claims’ illi saru mill-klijenti tas-socjeta’ u li taghhom thallas l-‘excess’ mill-klijent lill-imputata.

Illi xehed is-Sur William England u qal illi fl-ahhar tal-gurnata Angele Abela li kienet ‘in charge’ mill-‘accounts’ kienet tigbor dak li jissejjah it-‘transaction report’ ta’ kull ‘user’ u skond dak ir-rapport titlob lil kull skrivan ghall-flus li jkun dahhal f’dik il-gurnata partikolari skond kif jirrizultalha. Kull min jircevi l-flus irid idahhal hu stess id-data illi irceva dawn il-flus fil-computer. Ix-xhud kompla jghid illi essenzjalment is-sistema tal-‘computer’ taghhom kienet tahdem fuq il-UPS u ghalhekk is-sistema qatt ma tista tinqata ghaliex ghandhom il-‘back up’. Jekk il-‘computer’ individwali tal-iskrivan ma jkunx qieghed jahdem l-iskrivan jista xorta wahda jdahhal l-ammont li jkun dahhal bhala cash mill-‘computer’ tal-‘computer’ room. Il-‘print out’ ma johrogx dak il-hin, pero’ eventwalment ikun ‘printed’ meta jinxteghlu l-‘printers’ kollha, jigifieri essenzjalment l-informazzjoni skond ix-xhud qatt ma tista tintilef. Huwa xehed illi kien gab mieghu ‘extract’ tad-‘day transaction report’ u tal-‘accounting documents’ relattivament ghas-seba’ granet fejn kellhom problema mal-imputata fis-sens illi l-ammont li suppost dahhlet ma imputtjatux fil-‘computer’ u esebixxa d-Dokument WJE 1 li juri li fid-19 ta’ Gunju, 1998 is-sistema tal-‘computer’ kienet ‘functional’ u ma jirrizulta l-ebda ‘transaction’ minn naha tal-‘Claims Department’ relattiv ghall-‘excess’. Esebixxa ukoll Dokument WJE 2 li juri t-‘transactions’ li saru mill-‘Claims Department’ sia mill-imputata, kif ukoll minn Sean Mifsud. It-‘transactions’ kollha rigward l-‘excess’ migbur jidhru minn dan id-Dokument, pero’ fl-ebda kaz ma jirrizulta l-ammont illi l-imputata kienet dahhlet minghand is-Sur Gordon Ellul. Dakinhar is-sistema kienet ‘fully functional inkluz il-‘print out’ u dana ghaliex kellu l-‘extracts’ tal-‘printed report’. Ix-xhud esebixxa wkoll id-Dokument WJE3 li juri ezatt l-istess dwar kif xehed dwar id-dokumenti precedenti. Ix-xhud kompla jesebixxi dokumenti ohrajn sabiex isostni dak illi kien qieghed jixhed dwaru. Dwar il-meeting li sar mal-imputata x-xhud qal illi f’hin minnhom l-imputata kienet irrimarkat illi ma kienitx basret illi l-ammont kien telgha daqshekk. Huwa qal illi l-imputata qalet li ma

kienitx hadet flus, li kienet ghaddiet kollox lil Angele Abela, li kienet ‘in charge’ mill-‘accounts’. Pero’ huwa kien qalilha lill-imputata illi Angele setghet tirrispondi biss ghal dak illi kienet dahhlet l-imputata fil-‘computer’ u mhux ghal dak illi setghet ma dahhlitx. Daru l-‘files’ kollha, l-imputata baqghet tghid li ma hadet xejn u kellha terga tkellimhom. Kienet qaltilhom ukoll biex ma jibqghux jimportunawha fil-post il-gdid taghha tax-xoghol. Huwa xehed illi l-imputata baqghet ma hallset xejn mill-ammont li ghandha taghti lill-kumpannija, hlief illi huma kienu hargulha ‘cheque’ dwar xi ammont li kien ghad fadlilhom ihallsuha ta’ meta kienet ghadha tahdem maghhom u hija kienet iggirrat ic-‘cheque’ sabiex huma jkunu jistghu isarrfuh, u dana bhala ‘part payment’.

Illi xehdu diversi klijenti tal-kumpannija England Insurance fis-sens illi huma kienu hallsu l-‘excess’ lill-imputata u sussegwentement kienu baghtu ghalihom tal-England Insurance u talbuhom ihallsu dawn il-flus u huma kienu qalu lil ta’ England Insurance li huma kienu diga hallsu u fil-fatt kienu urewhom l-ircevuta illi kienet iffirmatilhom l-imputata. Wahda minn dawn l-ircevuti tidher a fol. 94 tal-process, mhijiex innumerata, pero’ fuqha hemm il-‘claim number’ u hemm miktub illi ‘excess on claim paid cash’. Din l-ircevuta hija datata 21 ta’ Lulju, 1997.

Illi xehdet Angele, illi kienet inkarigata mill-‘accounts’ fiz-zmien in kwistjoni. Hija xehdet illi l-impjegati fil-‘claims department’ kienu jithallsu l-‘excess’ mill-klijenti u l-ircevuta kienet tohrog minghand il-‘claims department’. Kienet tkun ircevuta tal-‘computer’. Angele xehdet illi fis-sitt snin li damet tahdem ma’ England Insurance kien ikun rari illi jkollhom il-printers mhux ‘available’ u dan forsi kien jigri xi erba’ darbiet fis-sena. Hija xehdet illi meta kienu jaghlqu ghall-klijenti hija kienet tigbor il-flus minn kull dipartiment u dan kienet taghmlu kulljum filghaxija. Kellha s-sistema fil-‘computer’ li kienet turi l-ammont tal-flus migbur minn kull dipartiment. Kienu l-istess skrivani tal-‘Claims Department’ li kienu jdahhlu dawn l-ammonti fuq il-‘computer’ u l-flus li kienu jaghtuha kienu jaghtuhomlha a bazi ta’ dak li jkunu dahhlu fuq il-‘computers’ taghhom. Hija xehdet illi qabel ma telqet minn ma England

Insurance saret taf li kienu sabu xi flus neqsin minn naha tal-‘Claims Department’. Hija xehdet illi meta kienet ticcekkja fl-ahhar tal-gurnata l-flus kienu jaqblu mal-ammont li kellha fuq il-‘computer’. L-ammont illi kien hemm fuq il-‘computer’ u l-ircevuti huma l-istess haga. Hija xehdet illi l-‘computer’ dejjem kien ikun jahdem. Il-‘printer’ forsi kien ikun bil-hsara, jew per ezempju kien ikun qieghed juzah xi haddiehor. Meta kien jigri hekk l-iskrivan kien ikollu johrog ircevuta manwali lill-klijent. Hi kienet ticcekja n-numru tal-ircevuta u kienet tiktibha fir-‘records’ taghha. Angele kompliet tixhed illi l-‘manual receipts’ li kienu johorgu kienu jkunu enumerati. Hi kienet tqabbel ir-‘receipts’ mahruga mill-‘computer’ u il-‘manual receipts’ mal-flus li kienu jghaddulha l-iskrivani u dejjem kienet taqbel. Kull meta tatha l-ircevuti l-imputata bil-flus dejjem qablu. Angele xehdet ukoll illi meta l-‘printer’ ma kienx ikun qieghed jadhem il-‘computer’ dejjem kien ikun qieghed jahdem xorta wahda.

Illi xehed Patrick Meli illi jahdem bhala ‘accountant’ ma England Insurance. Dwar il-meeting illi ghalih kienet prezenti l-imputata flimkien ma ommha, kien prezenti wkoll Dr Depasquale u kien prezenti anke x-xhud fost persuni ohrajn. Is-Sur Meli xehed illi kien hemm xi ammont ta’ flus li riedu jithallsu mill-kumpannija lill-imputata rapprezentanti xi ‘leave’ u xi ‘notice money’ li kellha tiehu u fil-fatt inhareg ‘cheque’ f’isimha. L-imputata iffirmat c-‘cheque’ fuq wara u tat c-‘cheque’ lura lil England Insurance bhala ‘part payment’ tal-ammont li kellha taghti lil England Insurance. Ix-xhud kompla jghid illi l-imputata kienet ftehmet ma Paul England illi l-ghada kellha tigi sabiex trodd lura l-bilanc. Pero’ jirrizulta li qatt ma tfaccat. Ix-xhud qal illi huwa ivverifika dakinhar tad-data tal-ircevuti manwali li kienet harget l-imputata u irrizultalu illi f’dawk il-granet partikolari la kien hemm mankanza ta’ dawl u lanqas ma kien il-kaz li kien hemm il-‘computers’ bil-hsara u ghalhekk skond ix-xhud ma kien hemm l-ebda raguni valida ghalfejn l-ircevuti hargu b’mod manwali u mhux permezz tal-‘computer’.

Illi a fol. 168 tal-process hemm esebita ircevuta illi esebiha is-Sur Saviour Desira, klijent tas-socjeta’ England

Insurance, li kien hallas l-‘excess’ lill-imputata. Din l-ircevuta mhijiex enumerata, fuqha hemm imnizzel il-‘claim number’, hija datata 18 ta’ Mejju, 1998 u hemm imnizzel illi l-ammont illi hallas is-Sur Desira hallsu fi flus in kontanti.

Illi xehdet l-imputata fuq imsemmija minn jeddha u bil-gurament. L-imputata xehdet illi kienet ilha tahdem ma England Insurance madwar seba’ snin meta iddecidiet illi titlaq minn dan l-impjieg. Skond hi is-Sur England kien qalilha illi jekk kienet bi hsiebha tmur tahdem mas-Citadel Insurance kif kienu ghamlu impjegati ohrajn qabilha huwa kien bi hsiebu ipattihielha. L-imputata kompliet tixhed illi kienet marret sabiex tkellem lil ta’ England Insurance u dana peress illi kellhom jaghtuha xi ‘cheque’ bid-differenza tal-‘pro rata’ u xi ‘bonuses’ li kien ghad fadlilha tiehu minghandhom. L-imputata xehdet illi meta marret hemmhekk is-Sur England sejjhilha fil-kamra tas-Sur Salvino Zammit u skond hi kien staqsiha ghalfejn kienet marret tahdem mas-Citadel Insurance. Skond l-imputata dakinhar is-Sur Paul England kien qalilha “tibzax kemm inti kif ukoll David Curmi ser tpattuha”, u skond l-imputata kien hemm xhieda illi semghuh jghidilha hekk. Ic-‘cheque’ baqghet minghajru u meta talbitulu qalilha, “Dak mhux bicca tieghi, William irrid jirranga mieghek, mhux jien”. U dakinhar ic-‘cheque’ ma tahulhiex. L-imputata kompliet tixhed illi f’Ottubru 1998 Salvino Zammit kien cempel id-dar kellem lil ommha u qalilha li riedu jkellmuha. L-imputata kompliet tixhed u dana a fol. 180 tal-process illi kienet cemplet lis-Sur Zammit biex tara x’ried u meta spjegalha li kien hemm xi zball ta’ hamsa u ghoxrin lira li kien jirrigwarda l-perjodu li hija kienet tahdem mas-Citadel Insurance, l-imputata wegibtu “issa jiena ma ghandhiex x’naqsam max-xoghol li kont fih qabel, imisskom dawn l-affarijiet ghidtuhomli qabel ma tlaqt ghaliex taf li jien kont tajt in-‘notice’ u tlaqt, kif ma ghidtulhiex b’dawn l-izbalji qabel?” Is-Sur Zammit kompla jinsisti illi l-imputata tmur tkellimhom u sa dan it-tant hija kellha bzonn taghmel l-operazzjoni tal-appendicite u ghalhekk ma setghetx tmur. Wara xi gimghat pero’ kien cempel is-Sur William England, pero’ din id-darba semma ammonti differenti ta’ flus. Kienet kellmitu ommha dakinhar u mhux hi. L-

imputata marret ix-xoghol, issa kienet qeghda tahdem mas-Citadel Insurance, u hemm hekk bdew it-telefonati minghand is-Sur Paul England, jitlobha sabiex tmur tkellmu. L-imputata iddecidiet li tmur tkellmu, pero’ qabel kellmet lill-Avukat Difensur taghha u qalilha illi setghet tmur il-meeting, pero’ ma kellha tiffirma xejn. Marret flimkien ma ommha u dana peress illi skond l-imputata ma setghetx timxi peress illi kienet ghadha kif ghamlet l-operazzjoni tal-appendicite. Hemmhekk urewha xi sitt jew tmien ‘files’. Wiehed minn dawn il-‘files’ kien ta’ certu Dominic Sammut u f’dan il-file kien hemm ircevuta manwali u hi kienet qaltilhom, “Iva dik l-ircevuta hija tieghi”. Meta spjegawlha illi l-ammont li kien hallas dan il-klijent ma kienx dahal fl-‘account’ tal-kumpannija l-imputata xehdet illi wegibtu illi l-problema ma kienitx taghha ghaliex hi kienet dahlet dik is-somma fil-‘computer’, jew jekk ma ghamlitx hekk kitbet is-somma manwalment u tat kollox lil Angele, jigifieri skond l-imputata il-problema kienet ta’ Angele u mhux taghha, jew inkella ta’ Sean Mifsud. Pero’ s-Sur England kien qalilha li dawn iz-zewg impjegati kien diga’ kellimhom u ma kellhomx x’jaqsmu u ghalhekk wegbitu li messu kellimhom quddiemha u mhux fl-assenza taghha. Bdew juruha ‘file’ wara l-iehor u hi qaltilhom illi ovvjament kienu taghha, kitba taghha. Qatt ma qalet illi dawk il-‘claims’ ma kienux taghha u qaltilhom, “Lanqas biss kont naf li ser tiguni b’dawn il-‘claim files’ kollha, x’inhi l-problema?”, (fol. 182 tal-process). L-imputata umbaghad semmiet illi skond hi ma kienitx taf li Dr Depasquale kien l-Avukat tal-kumpannija u haditha bi kbira illi ma qalulhiex li ser ikun hemm l-Avukat prezenti ghaliex li kieku hija kienet iggib ukoll lil Avukat taghha. A fol. 183 tal-process l-imputata tkompli tixhed hekk : “Jiena ma kellhiex x’naqsam ma dawn il-problemi ghaliex kont ilni tmien snin nahdem hemm hekk qatt ma kelli problemi. Pero’ matul dawk is-snin kien hemm problemi u insemmi lil Angele Abela u r-raguni ghalfejn staqsejt ghal Angele Abela u Sean Mifsud kien ghax kienu involuti fil-problema.” U hawn hekk l-imputata issemmi xi problema li kienet tirrisali ghal tlieta jew erba’ snin qabel fejn skond hi England Insurance kienu sabu xi diskrepanza li kienet tirrigwarda lil Angele Abela u kif ukoll lil Sean Mifsud. L-imputata semmiet ukoll

lil Stephen Bilocca, illi skond hi kien ha xi flus tal-kumpannija, kien baghbas xi ‘accounts’ u tkompli tghid hekk a fol. 184 tal-process : “Jigifieri kien hemm hafna affarijiet li saru u Alla jbierek qatt ma ghamlu xejn u jiena wara tmien snin nahdem hemm hekk jigu jakkuzzawni kif ippruvaw jaghmlu jigifieri li hadt xi flus, jew ma nafx ezattament ghax ghadni sal-lum il-gurnata ma nistax nifhem ghalfejn qed jghidu hekk meta jien hallejt ircevuta manwali, il-prova hija tieghi hi vera, ammettejt li huma tieghi, barra minn hekk ammettejt li dawn il-‘claims’ huma tieghi.” L-imputata semmiet il-problema illi l-‘printers’ ma jkunux qeghdin jahdmu u kien ghalhekk allura li kellha tohrog l-ircevuti manwali. Skond l-imputata, Angele kienet taghtihom il-‘file’ biex idahhlu r-‘receipt’ fil-‘computer’, pero’ gieli l-‘file’ kien jigi hafna zmien wara u lil Angele kienet tghidilha “ghalfejn ma tajtulix qabel?” Jew inkella ma iddahhalhomx fil-‘computer’ jghaddu z-zmien, il-‘files’ jigu iffiljati, bl-ircevuta fihom u ghalhekk qatt ma tkun dahlet l-‘entry’ fil-‘computer’. Skond l-imputata mhux l-ewwel darba li Angele ma kienitx taqbel bil-flus u l-ircevuti u kienet tigi lura fil-Claims Department tistaqsi ghalfejn qeghda ‘over’ u l-‘cash’ ma jaqblux mal-ircevuti. L-imputata qalet illi hi personalment qatt ma kellha xi problema ta’ din ix-xorta ma England Insurance kemm damet tahdem hemmhekk u l-problemi bdew wara illi telqet. Hija xehdet ukoll illi ghad fadlilha tiehu s-somma ta’ mija tlieta u tletin lira (LM133). Darba minnhom, wara li kienu marru ghal dan il-meeting li semmiet u ma kien irrizulta xejn, skond l-imputata, kien rega’ cemplilha Paul England biex terga tmur tahdem mieghu. Kien baqa’ icemplilha xi tlett darbiet kuljum ix-xoghol. Fl-ahhar kellha tmur u kif kienet hemmhekk is-Sur England qalilha, “Ahna nistghu nirrangaw, ma ghandekx ghal fejn tinkwieta, nirrangaw li l-flus taghtihomli ftit, ftit.” U hi wiegbitu li ma kellha taghtih xejn. Skond l-imputata, s-Sur England qalilha illi jekk kellha l-ammont kellha taghtih ‘cheque’ u hi qaltlu “lanqas li kieku nista’” u qaltlu li hu kellu jaghtiha l-flus u mhux vice versa. L-imputata qalet ukoll illi kienet qalet lis-Sur England li ma setghetx taghmel ‘cheque’ minghajr ma tkun taf il-mama taghha ghaliex l-‘account’ kien f’isimha, kif ukoll f’isem ommha. Skond l-imputata, Mr England kien qalilha li kellu ‘cheque’ ghaliha u kellu

wkoll formola li kellha tiffirmaha. Qalilha "iffirma c-'cheque' naghtuk il-flus u umbaghad nirrangaw x'ghandek taghtina inti bi qbil." Hi talbitu biex tara din il-karta u hu qalilha "imma l-ewwel iffirma c-'cheque' minn wara." Skond l-imputata, hi iffirmat c-'cheque' minn wara ghaliex kienet taf illi gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn xi hadd jiffirma 'cheque' u jigi imsarraf dak il-hin stess. Iffirmat c-'cheque', is-Sur England taha karta li kienet tghid illi kienet qeghda tircevi c-'cheque in full and final settlement' qablet u iffirmatha. Umbaghad baqghet tistenna l-flus, izda s-Sur England qalilha "qabel ma tiehu l-flus trid tiffirma karta ohra" u l-imputata qalet illi din il-karta ma rathiex. Meta rat illi ma riedx jaghtiha l-flus iddecidiet li ma tiffirmax peress illi l-Avukat taghha kien taha parir fis-sens li ma tiffirma xejn hlief ghal flus li kienu dovuti lilha. Kien sar il-hin, riedet tmur ix-xoghol u ghalhekk telqet u ftakret li dak in-nhar kien hemm ukoll l-'accountant' tal-kumpannija. L-imputata kompliet tixhed illi wara dan il-'meeting' is-Sur England kien cemplilha u kien heddidha li kien ser jghid lill-pulizija u li hi kienet tghaddi l-Milied il-habs. U hi qaltlu, "Ghamel li trid, ma ghandix ghalfejn nibza ghaliex ma ghandi naghtik xejn." Effettivament, f'April, 1999 kienu baghtu ghaliha il-pulizija u talbuha taghtihom il-verzjoni taghha kif fil-fatt ghamlet. L-imputata kompliet tixhed illi hi u l-Avukat difensur taghha kienu marru fl-ufficcju ta' Dr Schembri waqt is-seduti u hi kienet qalet lil Dr Depasquale li xtaqet tkellimhom qabel ma jkomplu bil-kawza il-Qorti. Is-Sur England dak il-hin qalilha li kien hemm persuni involuti f'certu affarijiet fejn kien hemm kazijiet ukoll ta' diskrepanzi u l-imputata qaltlu "per ezempju certu Sean Mifsud u Dr Schembri kien qalilha, "Allura inti qeghda takkuza lil Sean Mifsud" u skond hi wegbitu "le ghaliex jien ma kontx hemm". L-imputata kompliet tixhed illi s-Sur England kien qalilha "illi jekk taf b'xi haga ghidilna biex inti din tehlisha" u hi wegbitu li ma setghet takkuza lil hadd ghax ma kienet taf b'xejn. A fol. 191 tal-process l-imputata ammettiet illi ma obdietx l-istruzzjonijiet moghtija lilha illi appena s-sistema tkun 'operational' kellha iddahhal d-'data' fil-'computer'. Hija xehdet illi jekk ma dahhlithiex dakinhar l-informazzjoni kienet iddahhalha l-ghada jew meta taghtiha l-ircevuta lura Angele u dana peress illi ma kienx ikollha cans iddahhalha dak in-nhar

stess. L-imputata qablet illi kienu obbligati jdahhlu l-‘entries’ fil-‘computer’ appena tigi lura s-sistema. Pero’ dan mhux bil-fors kellha taghmlu hi, setgha ghamlu wkoll l-accountant. L-ewwel obbligu taghha kien illi taqdi lill-klijenti. Hija qalet illi l-‘entry’ gieli imliethа Angele stess. Murija l-kopji tal-‘claim files’ minn fol. 45 tal-process ‘il quddiem l-imputata xehdet illi ma tistax tghid jekk wahda minn dawn il-poloz hijiex imbaghbsa jew le. Hija xehdet illi kien hemm ‘network’ ta’ xi ‘printers’ fl-ufficju. Mistoqsija dwar ic-‘cheque’, hija xehdet illi dan ma endorsjatux, iffirmatu fuq wara ghaliex kienu qalulha li kienu ser jaghtuha l-flus lura u ma semmghux il-kelma “endorsement”, qalulha “iffirmah u naghtuk il-flus.” Umbaghad il-flus ma tawhomliex u ovvjament lanqas ma tawha c-‘cheque’. L-imputata regghet cahdet illi iffirmat ic-‘cheque’ minn wara bhala ‘part payment’ tas-somma li kellha taghti lil England Insurance. Qalet illi qeghdin jigbdu f’dan is-sens is-Sur Patrick Meli u William England. Umbaghad l-imputata bdiet tghid illi kellha hafna problemi meta kienet tahdem ma England Insurance, dejjem problemi bil-‘printer’. Il-partner taghha ma kienx jahdem bizzejjed u x-xoghol kien jaqa’ kollu fuqha, ma kienux jaghtuha l-‘leave’ meta kellha bzonnu. Umbaghad semmiet illi kienu ghamlulha ‘letter of recommendation’ xi gimghatejn qabel ma telqet mix-xoghol. Dwar id-diskrepanzi, l-imputata qalet illi imisshom qalulha qabel b’din il-problema ghaliex issa kienet telqet mix-xoghol. Dwar Sean Mifsud u Stephen Bilocca, l-imputata xehdet illi meta hija xehdet precedentement illi dawn il-persuni kienu helsuha hafif hija kienet qed tirreferi ghal Efrem Bilocca u mhux ghal Stephen Bilocca. Hija kienet xehdet illi kien hemm xi tahwid ta’ flus, saru hafna affarijiet u Alla jbierek qatt ma gara xejn, u l-imputata spjegat li b’dan riedet tghid illi jekk hemm affarijiet hziena ma iffissirx li ghamlithom hi, jaraw min ghamilhom ghaliex kien hemm min gerfex u kien ghadu jahdem mal-kumpannija. Dan l-imputata xehditu a fol. 195 tal-process. L-imputata xehdet illi issa ma ghadhiex tahdem mas-Citadel Insurance, imma qeghda tahdem ma kumpannija tal-ivvjaggar.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti sejra tibda sabiex fl-ewwel lok tezamina jekk mill-provi prodotti jirrizultax jew le it-tieni reat migjub kontra l-imputata fuq imsemmija, u cioe' dak ta' misapproprazzjoni ta' somma flus li giet fdata jew ikkunsinnata lill-imputata taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi ksur tal-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti sejra tiddikjara minghajr l-ebda tlaqliq illi hija ma temminx il-verzjoni tal-fatti illi tat l-imputata. L-imputata, ghalkemm ammettiet illi l-'claims' illi dwarhom hemm diskrepanza kienet hadet hsiebhom hi, cioe' kienet irceviet l-'excess' hi, u kienet ukoll ghaddiet ircevuta manwali lill-klijent tal-flus illi huwa kien ghaddielha, issostni illi ma kienitx responsabbli sabiex iddahhal din is-somma ta' flus illi hija kienet irceviet bhala 'excess' fil-'computer' tal-kumpannija. L-imputata tipprova twahhal f'diversi persuni inkluz Sean illi kien jahdem maghha u certa Angele illi kienet responsabbli mill-'accounts' u dana billi sostniet illi hija kienet tghaddi kopja ta' l-ircevuta lil Angele. L-imputata semmiet wkoll diversi impjegati ohrajn tal-kumpannija illi kienu inqabdu jisirqu u illi Alla jbierek qatt ma sar xejn, mentri fil-konfront taghha, wara li telqet mill-kumpannija, regghu baghtu ghaliha, insistew illi kellha taghtihom somma ta' flus u meta ma taghtilhomx inbdew il-proceduri kriminali odjerni. L-imputata mhijiex kredibbli f'diversi partijiet tal-verzjoni illi tat. L-imputata tghid illi hija kienet marret tkellem lil ta' England Insurance fuq xi flus illi kien ghad fadlilha tiehu minghand il-kumpannija. Irrizulta pero' illi kienu ta' England Insurance illi baghtu ghall-imputata u mhux vici versa u finalment l-imputata kienet marret tkellimhom. Meta marret tkellimhom, l-imputata inghatat 'cheque' illi kien jirrapprezenta ammonti dovuti lilha mill-kumpannija bhala 'bonuses' etc u dan ic-'cheque' inhargilha fl-ammont ta' mija, sebgha u tletin lira u sitta u tletin centezmu (LM137.36). Kopja ta' dan ic-'cheque' tinsab esebita a fol. 60 tal-process. L-imputata xehdet illi hija iffirmat dan ic-'cheque' minn wara peress illi hasbet illi meta ser taghmel hekk huma, jigifieri ta' England Insurance, kienu ser jaghtuha dan l-ammont, jigifieri kienu ser isarfulha c-

'cheque'. Illi certament din il-verzjoni tal-imputata mhijiex kredibbli. Wiehed jiffirma 'cheque' fuq wara u jippretendi illi jissarraflu dan ic-'cheque' meta jmur f'bank ghaliex li kieku England Insurance riedu jhallsuha fi flus in kontanti ma kienux joqghodu jiehdu l-briga illi johorgu 'cheque' u igaghluha tiffirmah minn wara. Din mhijiex procedura illi tintuza u specjalment meta l-istess England Insurance kienu gaghelu lill-imputata tiffirma dikjarazzjoni fis-sens illi l-flus li kienet qeghda tircievi minghandhom kienet qeghda tircevihom 'in full and final settlement', jigifieri ta' England Insurance ma kellhom l-ebda interess johorgu 'cheque', igaghluha tiffirmah minn wara u jaghtuha l-flus in kontanti. Setghu qabdu u semplicement tawha l-flus in kontanti li kieku dik kienet l-intenzjoni taghhom. Mentri l-intenzjoni ta' England Insurance kienet illi hija tiffirmalhom c-'cheque' minn wara sabiex huma jkunu jistghu isarrfuh bhala 'part payment' tas-somma tal-flus illi kellha taghtihom.

Illi wkoll l-imputata xehdet illi hadet lil ommha maghha f'okkazzjoni ohra ghand England Insurance u dana ghaliex hija ma setghetx timxi sew peress illi kienet ghamlet l-operazzjoni tal-appendicite u dan meta l-istess imputata xehdet illi hija kienet diga bdiet tmur tahdem mas-Citadel Insurance u certament ma kienitx toqghod twassalha ommha ghand Citadel Insurance ghaliex li kieku l-imputata dan il-fatt kienet issemmih. Una volta setghet facilment tmur ghax-xoghol hija setghet ukoll tmur ghand England Insurance minghajr ma toqghod tiehu lil ommha maghha.

Illi wkoll l-imputata kienet qalet lil ta' England Insurance illi ma setghetx tohorgilhom cekkijiet u dana meta talbuha thallashom il-bilanc illi kien ghad fadlilha thallashom permezz ta' 'cheques' ghaliex ic-'cheque' kien irid ukoll jigi iffirmat minn ommha. L-imputata xehdet illi hija semmiet lil ommha il-ghaliex ta' England Insurance qalulha, "Isma ma hemmx ghalfejn tghid lil mama illi ser thallasna" u kien ghalhekk illi hija kellha issemmi lil ommha. L-imputata, li kieku verament ma haditilhom l-ebda flus, ma kienitx toqghod tghidilhom illi ommha kienet firmatarja maghha. Ma kellhiex ghalfejn toqghod taghti dawn id-dettalji

personali dwar il-‘bank account’ taghha. Kull ma kellha taghmel kien illi tghidilhom ‘point blank’ “jiena ma ghandi naghtikom xejn” u mhux toqghod iddahhal il-kwistjoni ta’ ommha li kienet firmatarja maghha fic-‘cheque book’.

Illi wkoll l-imputata ma irnexxielha tiggustifika bl-ebda mod il-fatt illi hija ma nizzlitx fil-‘files’ il-fatt illi l-klijent kien gie ihallasha l-‘excess’. Hija issemmi li l-‘computers’ kienu jkunu bil-hsara. Mentri fil-fatt mix-xhieda prodotta irrizulta illi ma kienx ikun hemm gurnata shiha meta l-‘computers’ kienu jkunu bil-hsara u anke li kieku stess hija setghet dejjem dahlet din id-‘data’ l-ghada jew il-pitghada. Irrizulta fil-fatt illi l-imputata qatt ma dahlet id-‘data’ fil-‘computer, jigifieri l-fatt illi kienet dahhlet flus minghand xi klijenti tal-‘excesses’ illi suppost thallsu lill-kumpannija. L-imputata verament hargitilhom ircevuta manwali, pero’ l-ircevuti li gew esebiti fil-process mill-Prosekuzzjoni u mhux mid-Difiza mhumiex enumerati u ghalhekk l-imputata inutilment tipprova iddahhal lil Angele ta’ l-‘accounts’ fin-nofs billi tghid illi Angele kellha kopja tal-ircevuta u dana peress illi l-ircevuta hija ma enumerathiex kif kienet obbligata illi taghmel kull darba illi tohrog ircevuta manwali. Irrizulta ghalhekk illi l-imputata ma enumeratx l-ircevuti manwali li harget, ma dahhlitx id-‘data’ la fil-‘computer’ u lanqas manwalment fil-‘file’ u ghalhekk hadet il-flus li irceviet minghand il-klijenti meta dawn il-flus suppost li kienu gew fdati lilha sabiex hija tghaddihom fl-‘accounts’ tal-kumpannija ta’ England Insurance.

Illi kull darba illi l-imputata hassitha ‘cornered’ fix-xhieda taghha hija dejjem bdiet issemmi l-problemi li kellha ma England Insurance bhal per ezempju kif ix-xoghol kien kollu fuqha u mhux fuq Sean, kif ma kienux jaghtuha ‘leave’, kemm kien hemm tahwid fil-kumpannija fis-sens illi kien hemm impjegati li, skond hi, serqu lill-kumpannija u ma ghaddewx process kriminali u dejjem taqa’ fuq l-imbierek ‘computer’ li kien ikun bil-hsara u dan meta tezisti xhieda ta’ impjegati ta’ l-istess kumpannija fis-sens illi fid-dati meta l-imputata irceviet il-flus tal-‘excess’ u harget ircevuta manwali minflok bil-‘computer’ u ma dahhlitx dawn il-flus la fis-sistema tal-‘computer’ u lanqas manwalment fil-‘file’, il-‘computers’ fil-fatt kienu qeghdin

jahdmu u clerks ohra bhalha kienu qeghdin idahhlu ‘data’ fuq il-‘computer’.

Illi wkoll l-imputata tghid illi fiz-zmien illi hadmet mal-kumpannija qatt ma inqala xejn, qatt ma qalulha xejn u kien biss wara li telqet minn maghhom illi inqalghu dawn l-affarijiet kollha.  Hija issemmi wkoll illi dan zgur li gara, jew probabbilment gara, minhabba il-fatt illi hija marret tahdem mas-Citadel Insurance u tipprova talludi ghall-fatt illi din hija xi vendetta ta’ England Insurance peress illi ma riduhiex titlaq minn maghhom u tmur tahdem ma kumpannija rivali taghhom.

Illi effettivament dak illi gara kien illi l-kumpannija gradwalment bdiet tibghat ghall-persuni illi skond ir-records taghha kienu ghadhom ma hallsux l-‘excess’, persuni li kienu ghamlu ‘claim’ mas-socjeta’ England Insurance u mir-records tal-kumpannija irrizultalhom illi dawn ma kienux hallsu l-‘excess’ u l-persuni li bdew jibghatu ghalihom bdew jghidulhom, “Isma ahna hallasna, hallasna lil Joanne Cassar” u urewhom ukoll f’certu istanzi l-ircevuta manwali mahruga u iffirmata mill-istess Joanne Cassar.

Illi dan il-process ha z-zmien tieghu u l-kumpannija England Insurance meta indunat b’dawn l-affarijiet baghatet ghall-imputata u ippruvat tasal maghha bil-kelma t-tajba, izda kien kollu ghal xejn.

Illi minn diversi xhieda illi gew prodotti irrizulta illi l-imputata qatt ma cahdet illi ghandha taghti l-flus, anzi hija qaltilhom illi riedet tahsibha u dana meta staqsewha rieditx thallas bin-nifs.  Hija minflok cahdet bhal ma kienet taghmel persuna innocenti qalet illi riedet tahsibha.

Illi irrizulta minghajr ebda ombra ta’ dubju illi kienet l-imputata li dahhlet il-flus in kwistjoni, kienet hi li kienet obbligata illi iddahhal din l-informazzjoni fis-sistema tal-computer, kif ukoll illi tirregistra il-fatt illi dahlet dawn il-flus manwalment fuq kull ‘file’, haga illi l-imputata naqset milli taghmel.  Senjatament, Patrick Meli, l-accountant tas-socjeta’ England Insurance, xehed illi fil-granet meta l-

imputata harget l-ircevuti manwali la kien hemm mankanza ta’ dawl u lanqas kien hemm ‘computers’ bil-hsara u dan xehdu wara li ghamel il-verifiki necessarji.

Illi dwar ic-‘cheque’ illi l-imputata iffirmat minn wara, l-verzjoni taghha certament mhijiex kredibbli u dana ghaliex meta ta’ England Insurance, skond kif xehdet hi, irrifjutaw li jaghtuha l-flus tac-‘cheque’, hija setghet facilment hadet ic-‘cheque’, marret bih il-bank u sarrfitu hemmhekk. L-imputata lanqas ma qabbdet lill-Avukat Difensur taghha sabiex jikteb lis-socjeta’ England Insurance u jinterpellhom ihallsuha dan l-ammont jew inkella tifthilhom kawza. Il-fatt illi hija baqghet ma ghamlet xejn jindika illi dawn il-flus effettivament ma kienux dovuti lilha u kien ghalhekk illi iffirmat ic-‘cheque’ fuq wara. Hija sperat illi b’hekk huma iwaqqfu il-proceduri kollha fil-konfront taghha. Meta rat illi ser ikomplu jinsistu ghall-bilanc hija telqet ‘il barra u irrifjutat illi thallashom.

Illi l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi sabiex jissusti r-reat ta’ misapproprjazzjoni jirrizultaw mill-provi illi gew prodotti. Irrizulta illi kien hemm il-vjolazzjoni tal-fiducja. L-imputata giet fdata bil-flus mill-klijenti, liema flus huma fdawhomlha sabiex tghaddihom lil England Insurance. Minflok ghamlet dan, hija dahhlet il-flus go butha u ghalhekk l-element ta’ abbuz ta’ fiducja gie ippruvat.

Irrizulta wkoll illi l-imputata kellha l-pussess ta’ l-oggett materjali ta’ l-azzjoni, l-oggetti materjali kienu l-flus li thallsu bhala ‘excess’ mill-klijenti tas-socjeta’.

Irrizulta wkoll illi l-imputata agixxiet bl-oggett mobbli fdat lilha daqs li kieku kienet il-proprjetarja ta’ dawk il-flus. Hija hadet ghaliha il-flus illi kienu jappartjenu mhux lilha izda lis-socjeta’ England Insurance.

Illi gie ippruvat ukoll illi l-imputata agixxiet bi profitt ghaliha innifisha, liema profitt kien ingust u a skapitu tas-socjeta’ England Insurance u dana peress illi s-socjeta’ sofriet telf ta’ flus, liema flus hadithom l-imputata.

Irrizulta wkoll illi dak kollu li ghamlet l-imputata ma ghamlitux b'xi traskuragni, jew b'negligenza, izda b'intenzjoni specifika illi minflok tghaddi il-flus lis-socjeta' tefghethom f'butha u hadithom ghaliha.

Ghaldaqstant jirrizultaw l-elementi kollha necessarji sabiex jigi ippruvat it-tieni reat, dak ta' misappropjazzjoni u l-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputata hatja ta' dan ir-reat.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel reat, dak kontemplat fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9 il-Qorti tara li dan ir-reat ma giex ippruvat stante illi dak kollu illi ghamlet l-imputata hija ma ghamlitux b'qerq, per ezempju ma abbuzatx ta' impjegata ma England Insurance meta fil-fatt ma kienitx. L-imputata ma uzat l-ebda mezz qarrieqi sabiex wasslet lil dawn il-klijenti sabiex jaghtuha l-flus. Hija effettivament kienet impjegata ma' England Insurance u ghaldaqstant ma jirrizultax ir-reat ta' truffa kontemplat fl-Artikolu 308 u 309 tal-Kap. 9 u ghalhekk il-Qorti qeghda tillibera lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni u qeghda tiddikjaraha hatja tat-tieni imputazzjoni, dik ta' misapproprjazzjoni, aggravata peress illi l-flus gew fdati lilha minhabba l-professjoni taghha ai termini tal-Artikolu 294 tal-Kap. 9.

Illi l-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputata ghadha fedina penali netta. Izda pero' l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi r-reat kommess mill-imputata huwa ta' natura gravi, kif ukoll il-fatt illi l-imputata ma ikkoperat bl-ebda mod mal-Prosekuzzjoni. Ghaldaqstant, wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 293, 294, 310 (1)(b), 31 u 17 tal-Kap. 9, qeghda tikkundanna lill-imputata fuq imsemmija ghall-prigunerija ta' sittax il-xahar, liema prigunerija bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, sejra tkun sospiza ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bil-konsegwenzi ai termini tal-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk hija tikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 H tal-Kap. 9 u tobbliga lill-hatja sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum hija tirrestitwixxi lis-socjeta' England Insurance Limited is-somma ta' tlett mija u sebgha u tletin lira u erbgha u sittin centezmu (LM337.64).

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car illi jekk hija tonqos milli thallas dan l-ammont fi zmien sitt xhur mill-lum hija tista tordna illi din is-sentenza sospiza tibda isehh.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------